DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1778

tal-5 ta' Ottubru 2021

li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jistipula li persuna taxxabbli li tkun qed twettaq il-forniment tal-merkanzija jew is-servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli biex tħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa.

(2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni l-15 ta' Marzu 2021, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ('il-Ġermanja') ppreżentat talba lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE rigward il-persuni responsabbli għall-ħlas tal-VAT fl-eventwalità tat-trasferiment tal-kwoti tal-emissjonijiet innegozjati f'sistema nazzjonali ta' negozjar fl-ambitu tal-Att dwar in-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Fjuwil (Gesetz über einen nationalen Zertifikatehandel für Brennstoffemissionen — "BEHG") tat-12 ta' Diċembru 2019 ("it-talba").

(3) Skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni, permezz tal-ittri bid-data tas-7 ta' April 2021, bagħtet it-talba lill-Istati Membri l-oħra u, permezz tal-ittra bid-data tat-8 ta' April 2021, innotifikat lill-Ġermanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(4) L-Artikolu 199a(1), il-punti (a) u (b), tad-Direttiva 2006/112/KE jippermetti lill-Istati Membri jaħtru persuni taxxabbli li jirċievu trasferimenti ta' kwoti għall-emissjoni ta' gassijiet serra, kif definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u għat-trasferiment ta' unitajiet oħra li jistgħu jintużaw mill-operaturi għall-konformità ma' dik id-Direttiva, bħala responsabbli għall-ħlas tal-VAT ("il-mekkaniżmu tar-reverse charge"). Dawk id-dispożizzjonijiet ġew inklużi fid-Direttiva 2006/112/KE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE ([3]) sabiex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għan-negozjar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 199a(1), il-punti (a) u (b), tad-Direttiva 2006/112/KE hija limitata għall-kwoti nnegozjati fl-ambitu tas-sistema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet ("EU ETS").

(5) Fl-ambitu tal-BEHG, il-Ġermanja ħolqot qafas legali għal skema nazzjonali għan-negozjar tal-emissjonijiet, li jkopri emissjonijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-EU ETS. Għaldaqstant, l-Artikolu 199a(1), il-punti (a) u (b), tad-Direttiva 2006/112/KE ma jipprovdux bażi ġuridika għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għan-negozjar fl-ambitu tal-BEHG.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi (ĠU L 72, 20.3.2010, p. 1).

(6) Skont il-Ġermanja, in-negozjar fil-kwoti huwa vulnerabbli ferm għall-frodi tal-VAT. In-negozjar fil-kwoti għall-emissjonijiet tal-fjuwil fl-ambitu tal-BEHG jaf jiġi sfruttat għal skopijiet frawdolenti bl-istess mod bħal fl-ambitu tal-EU ETS. Il-kwoti tal-emissjonijiet jistgħu jiġu skambjati f'qasir żmien, b'mod ripetut u faċilment. Huwa għadaqstant diffiċli ferm għall-awtoritajiet li jindividwaw tali bidliet u li jiżguraw li jiġi intaxxat l-ammont xieraq ta' taxxa.. L-akkwirent tal-kwoti, ladarba tkun persuna taxxabbli bid-dritt għal tnaqqis, jista' jnaqqas il-VAT imġarrba, mingħajr ma l-fornitur ikun ħallas it-taxxa fatturata fuq il-fatturat lill-awtoritajiet tat-taxxa. B'mod partikolari, l-involviment fil-katina tal-provvista ta' "negozjanti nieqsa", li jgħibu f'qasir żmien jew li ma jkollhomx assi, ma jħallix li tinġabar mill-awtoritajiet it-taxxa oġġett tal-evażjoni, li jħalli impatt negattiv fuq il-baġit. Biex tagħmel tajjeb għat-telf fid-dħul pubbliku, il-Ġermanja talbet awtorizzazzjoni sabiex tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex iddaħħal il-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-trasferiment tal-kwoti tal-emissjonijiet.

(7) Il-ħatra tar-riċevitur li jkun persuna taxxabbli bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'dawn il-każijiet partikolari tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT u tevita l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ġermanja tiġi awtorizzata tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge għat-trasferiment tal-kwoti tal-emissjonijiet innegozjati f'sistema nazzjonali ta' negozjar fl-ambitu tal-BEHG ("il-miżura speċjali").

(8) Jenħtieġ li l-miżura speċjali tkun limitata fiż-żmien. Għalhekk, jenħtieġ li l-Ġermanja tkun awtorizzata tapplika l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.

(9) Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni u n-novità tal-miżura speċjali, huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tagħha. Għaldaqstant, fl-eventwalità li l-Ġermanja tkun tixtieq testendi l-miżura speċjali lil hinn mill-2024, jenħtieġ li tippreżenta rapport lill-Kummissjoni, inkluż rieżami tal-miżura speċjali, flimkien mat-talba għal estensjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2024. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-miżura speċjali fuq il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u l-għadd ta' kummerċjanti u tranżazzjonijiet milquta mill-miżura speċjali.

(10) Il-miżura speċjali mhu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni provenjenti mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija awtorizzata tipprovdi li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jsir it-trasferiment tal-kwoti tal-emissjonijiet innegozjati f'sistema nazzjonali ta' negozjar fl-ambitu tal-Att dwar in-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-Fjuwil (Gesetz über einen nationalen Zertifikatehandel für Brennstoffemissionen) tat-12 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-miżura speċjali prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2024 u għandha tiġi akkumpanjata minn rapport dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura li jinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-miżura fuq il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u l-għadd ta' kummerċjanti u tranżazzjonijiet milquta mill-miżura.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. ŠIRCELJ